**IL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**
**(Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjħa l-Qorti Rimandanti)**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Spiteri)**
**(spettur Robinson Mifsud)**
**-vs-**
**Tencho Gospodinov TENEV**

Illum 14 ta' Diċembru, 2022

Il-Qorti,

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Tencho Gospodinov TENEV** imwieled f'Haskovo l-Bulgarija nhar l- 20 ta' Marzu 1975, bin Gospodin Tenev TENEV u Maria Dimova DIMITROVA, residenti lokalment ġewwa 7, Dar il-Kenn, Triq il-Qasam Industrijali, Żabbar, Malta, detentur tal-Karta tal-Identità numru 642909568 u tal-permess tar-residenza MT8774586 (0179898A), aktar il-quddiem imsejjaħ 'l-estradant';

Wara li rat is-*Schengen Information System Alert* maħruġ nhar it-30 ta' Lulju, 2017[1] fuq talba tal-*Public Prosecutor* fi ħdan id-*District Prosecutor's Office* ta' Haskovo, fil-Bulgarija, pajjiż skedat a tenur ta' l-Artikolu 5 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Liġi Sussidjarja 276.05 (Avviż Legali 320 ta' l-2004) u l-Mandat ta' Arrest Ewropew datat id-9 t' Awwissu, 2022[2], maħruġ mill-istess awtorità, u wara li rat iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikoli 6A u 7 ta' l-istess Ordni datat il-11 t'Awissu, 2022[3];

[1] Fol.11. *Supplementary Information* a fol.13, datati it-12 t'Awissu, 2022.
[2] Fol.22 et seq
[3] Fol.9-10

Wara li rat il-verbali ta' din il-Qorti, anke kif diversament preseduta, tal-21 ta' Novembru, 2022, u tal-5 ta' Diċembru, 20220;

Wara li semgħet lill-estradant jiddikjara li qed jagħti l-kunsens tiegħu sabiex jintbagħat lura l-Bulgarija w li mhux qed jirrinunzja għad-dritt ta' specjalità konċess ai termini ta' l-Artikolu 18 ta' l-Ordni fuq imsemmi;

Wara li spjegat lill-estradant l-import ta' l-Artikolu 43 ta' l-Ordni, u ġie assigurat li d-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu ġew osservati u miftehma mill-estradant;

Wara li rat l-artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif reż applikabbli bl-artikolu 44 ta' l-Ordni;

Għaldaqstant,

Ai termini tal-artikolu 44 ta' l-Ordni dwar Pajjiżi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviż Legali 320 ta' l-2004 (Liġi Sussidjarja 276.05), **tordna it-treġġigħ lura tal-estradat lejn il-Bulgarija, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat.**

**MAĠISTRAT**